MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Numru. 452/2004

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Abdilla)

Vs
Brian Spiteri

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, Brian Spiteri, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 257282(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar il-1 ta’ Settembru 2002, gewwa Triq Mikielang Vassallo, San Giljan ghall-habta tas-10. 45 a.m.

1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BRI 702 tal-ghamla Skoda, ikkaguna il-mewt ta’ Franziska Munch, u dan bi ksur ta’ Artikolu 225 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Saq il-vettura BRI 702 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 15 (1) (a) ta' Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Saq il-vettura BRI 702 bi speed eccessiv u dan bi ksur ta' Artikolu 127 tal-MVR;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imputat Brian Spiteri milli jkollu jew jottjeni kull licenzja tas-sewqan skond il-Ligi;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tad-29 ta' April, 2005 li permezz taghha deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) fl-artikoli 225, 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikoli 15(1)(a) tal-Kap 65;
(c) fl-artikolu 127 tal-Motor Vehicle Regulations.

Semghat lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz bi procedura sommarja.

Semghat ix-xhieda li gew prodotti.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi prodotti illi fl-1 ta' Settembru, 2002 sehh l-incident awtomobilistiku f'*Regional Road*, San Giljan li fih ittajret u tilfet hajjitha Franziska Munch, tfajla ta' nazzjonalita' Germaniza. L-incident sehh f'dik il-parti ta' *Regional Road* ta' bejn it-*traffic lights* li minnha tghaddi ghal Paceville u l-mini li jiehdu lejn il-Belt.

Mill-provi rrizulta wkoll li l-imsemmija Franziska Munch intlaqtet mill-vettura tal-marka Skoda Fabia bin-numru tar-registrazzjoni BRI 702, licenzja numru 401656 liema vettura kienet qed tinstaq mill-imputat, Brian Spiteri. Ma' l-

imputat kien hemm riekba bhala passiggiera certu Alison Pace Bardon.

Mir-rapport ta’ Dr Simon Micallef Stafrace u l-espert tekniku Joseph Zammit, il-kadavru ta’ Franziska Munch instab hekk kif tibda n-nizla lejn il-mini, fuq ic-*centre strip*. Fil-*lane* ta’ mas-*centre strip* instabu *brake marks* fondi tul ta’ 39 metru (ara pjanta a *folio* 40 tal-process imhejjija mill-Perit Richard Aquilina, li gie nominat fl-atti ta’ l-Inkjesta Magisterjali mill-Magistrat Inkwirenti Miriam Hayman.) Minn din il-pjanta jidher li dawn il-*brake marks* wara li jibdew ghat-tul ftit fid-dritt fuq l-outer lane jidhlu ‘l gewwa lejn l-inner lane u ghalhekk jibdew fuq l-outer lane u jispiccaw fuq l-*inner lane*. Mill-atti ta’ l-inkjesta magisterjali rrizulta li dawn il-*brake marks* thallew mill-vettura Skoda Fabia BRI 702 misjuqa mill-imputat odjern.

Mill-atti ta’ l-inkjesta magisterjali rrizulta wkoll li l-vettura misjuqa mill-imsemmi imputat kellha hsara fil-*windscreen* li ma kienx imfarrak izda kellu tlett ghafsiet. Il-*front right mudguard* kien mghaffeg, il-*bumper* kellu mesha zghira, il-mera laterali tan-naha tas-sewwieq kienet imqaccta, il-pilastru ta’ quddiem tal-lemin kien mghattan sew u l-*plastic grill* ta’ taht il-*bumper* kien imtajjar. Fuq il-post instab ukoll tifrik ta’ hgieg ma’ l-art mifrux l-aktar fuq l-*outer lane* xi erba’ jew hames metri mill-bidu tal-*brake marks*.

L-imputat odjern li xehed fl-atti ta’ l-inkjesta magisterjali quddiem l-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti Dr Simon Micallef Stafrace, qal li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu f’*Regional Road*, sejjer fid-direzzjoni tal-mini, kien niezel mill-*lane* ta’ mas-*centre strip* b’velocita’ ta’ madwar sittin (60) kilometru fis-siegha u ra koppja maghmula minn ragel u tfajla li kienu fuq is-*central strip*. Huwa kompla jghid li r-ragel kien wieqaf u kein qed jgholli lil mara. L-imputat xehed li huwa f’dak il-mument kien bil-brejk taht saqajh lest sabiex jieqaf bil-mod meta f’daqqa wahda harget min wrajh mara li ghamlet zewg qabzier ghal got-triq. Brian Spiteri qal li malli raha taghmel hekk huwa ghafas il-brejk u dawwar lejn ix-xellug izda din qiesa qabzet gol-karozza u huwa ma seta’ jaghmel xejn sabiex

jevitaha. Spiteri zied ighid li t-tfajla habtet mal-*mudguard,* giet mal-*windscreen,* imbaghad ma rahiex aktar. F'dak il-mument ma kienx hemm vettura quddiemu, jghid Spiteri, izda kien hemm vettur fuq ix-xellug imharrga lura.

Mill-provi rrizulta li t-tfajla Franziska Munch kienet akkumpanjata minn Rennie Ziemmermenn, u cioe' il-guvni li xehed quddiem l-espert nominat fl-atti ta' l-inkjesta magisterjali qal is-segwenti:-

*I was with Franziska when the accident happened earlier today. We left our hot family to go to the beach at about 10.30a.m. We had just arrived in Malta. We crossed the first part of the wide road where the accident occurred and we were standing on the centre-strip. I was stationary looking to the left at the cars coming towards me when all of a sudden the crash occurred.*

*I did not see Franziska cross the road.*

*I do not remember whether the vehicle made a loud brake.*

*She was unconscious immediately.*

Fl-atti ta' l-inkjesta magisterjali xehed ukoll certu Joseph Caruana, li rega' xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2006. Huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru HAP 714 fil-vicinanzi dakinhar ta' l-incident u ra l-istess incident isehh u qal is-segwenti:-

*Waqaft fil-lights li jiehdu lejn Paceville u kif qalbu hrigt normali. Quddiemi kien hemm zewg vetturi zgur u warajja Mercedes bajda 'Taxi E-Class'.*

*Quddiem dawn il-vetturi kollha kien hemm karozza ohra li kif hrigna riedet taqleb lejn is-slow lane izda din damet biex qalbet minhabba vettur ohra fuq is-slow lane u vetturi telghin minn Paceville. Kif qaleb kulhadd beda jaccelera.*

*Il-Mercedes ta' warajja kien issikkat sew, u jien ma' ta' quddiemi. F'dan il-mument rajt tfajla u guvni fuq is-centre*

*strip u l-guvni kellu mats f'idejh. It-tfajla kellha libsa cara. Kienu qed jitkellmu. Rajt lit-tfajla thares l' isfel, tiehu pass ghal got-triq u imbaghat dawret wiccha lejn l-gharus taghha u giet milquta mill-vettura Skoda li kienet quddiemha. Kollox gara f'hakka t'ghajn. Kulhadd ha brejk qawwi. Jien waqaft aktar l'isfel u cempilt l-ambulanza. Mill-isptar qalulna li kienu gja jafu bl-incident.*

Meta xehed quddiem din il-Qorti dan Joseph Caruana spjega li huwa kien boghod mill-vettura misjuqa mill-imputat tul ta' vettura wahda jew tnejn u spjega li "min kien fuq is-*central strip* ta' *Regional Road* hares fid-direzzjoni tal-mini l-oppost li gejjin il-karozzi u kienu qeghdin jidhku u jiccajtaw fuq is-central strip u t-tfajla harget mill-ewwel. Jiena ma rajthiex thares lejn id-direzzjoni minn fejn ikunu gejjin il-karozzi. It-tfalja qabdet u qasmet".

Fiona Caruana, mart l'hawn fuq imsemmi Joseph Caruana xehdet fl-atti ta' l-inkjesta magisterjali kif ukoll quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005 fejn hija qalet is-segwenti:-

*Nghid illi jiena kont xehedt quddiem Dr Simon Micallef stafrace mahtur mill-Magistrat Inkwirenti fl-inkjesta u fid-19 ta' Settembru, 2002 kont ghidt hekk: Dakinhar ta' l-incident jien kont fil-front passenger seat ma zewgi meta gara l-incident in kwistjoni. Dwar il-karozzi u l-pozizzjoni taghhom qabel il-lights ma tajtx kaz. Naf li qbizna l-lights u bqajna fuq l-outer lane. Kif qbizna ….. u qed naraw l-mini, rajt guvni u tfajla jiccajtaw fuq is-centre strip. Dak il-hin kien hemm zewg karozzi quddiemna fil-lane taghna. Fuq wara kien hemm habib maghna u kont wicci imdawwar lejh u zewgi qal dawn x'ser jaghmlu u ergajt dawwart wicci 'il quddiem u dawwret wiccha lura u giet imtajjra mill-karozza ta' quddiem, kollox f'sekonda. Harget u qasmet quddiem din il-karozza. Filli miexja u filli harget.*

Ikkunsidrat:

Illi fl-atti ta' l-inkjesta magisterjali permezz ta' digriet ta' l-1 ta' Settembru, 2002, u cioe' dakinhar stess li sehh l-

incident, il-Qorti kienet innominat bhala espert legali lil Dr Simon Micallef Stafrace sabiex jaghmel l-accertamenti necessarji u jirrelata fuq il-kaz u dana flimkien mal-perit tekniku Joseph Zammit. In-nomina ta' dawn iz-zewg esperti giet ikkonfermata minn din il-Qorti permezz ta' digriet tat-8 ta' Ottubru, 2004. Dawn l-esperti ikkonkludew li l-incident in kwistjoni gara unikament minhabba l-metodu nkonsult li permezz tieghu Franziska Munch qasmet triq u li ma kien hemm ebda htija da parti ta' Brian Spiteri, u cioe' l-imputat odjern. L-imsemmija esperti waslu ghal din il-konkluzjoni wara li kkonstataw dak li sabu fuq il-post ta' l-incident, senjatament it-tul tal-*brake marks*, kif ukoll dak li qalu x-xhieda okulari ta' l-incident, b'mod partikolari Joseph Caruana, li kkonfermaw li Franziska Munch qabdet u qasmet it-triq. Dawn l-esperti kkonkludew li l-*brake marks* ta' tul ta' disa' u tletin (39) metru li nstabu fuq il-post u li thallew mill-vettura misjuqa mill-imputat odjern jindikaw li l-imsemmi imputat kien qed isuq b'velocita ta' ftit anqas minn tmenin (80) kilometru fis-siegha u kkonkludew ukoll li dan kien *speed* ferm adegwat ghall-lokalita' fejn sehh l-istess incident.

Illi diversi xhur wara li sehh l-incident li jifforma l-mertu ta' dan il-kaz, (irid jigi precizat li fl-atti ta' l-inkjesta magisterjali ma gietx indikata d-data tad-digriet fejn gie nominat l-espert Mario Buttigieg bl-inkarigu li jistabilixxi zewg fatturi u cioe':-

*1.* B'liema velocita' kien ghaddej is-sewwieq meta allegatament laqat il-*pedestrian.*
2. B'liema velocita' kien ghaddej is-sewwieq bil-vettura qabel ma s-sewwieq ghafas saqajh fuq il-brejkijiet tal-vettura teighu.

Dan l-espert wara li ezamina il-pjanta imhejjija mill-Perit Richard Aquilina, wara ghamel ezami ta' wicc it-triq fejn sehh l-incident, liema ezami sar fit-18 ta' Marzu, 2006 u dan bl-iskop li jistabilixxi l-*coefficient of friction* ta' wicc it-triq, u wara li ghamel xi kalkolazzjonijiet matematici, ikkonkluda li l-imputat odjern laqat lil Munch b'velocita' ta' disa' u erbghin (49) mil fis-siegha u l-imputat odjern kien qed isuq b'velocita' ta' madwar wiehed u sittin (61) mil fis-

siegha, liema velocita' kienet eccessiva. L-imsemmi espert ikkonkluda li kien hemm nuqqas ta' responsabbilta' da parti tax-xufier u cioe' l-imputat odjern minhabba velocita' eccessiva u li ghalhekk kien hemm bizzejjed lementi sabiex jittiehdu passi kriminali kontra l-imputat odjern.

Il-Magistrat Inkwirenti qabblet mal-konkluzjonijiet ta' l-espert Mario Buttigieg u ghazlet li tiskarta l-konkluzjonijiet ta' l-esperti Dr Simon Micallef Stafrace u Joseph Zammit u ghalhekk ikkonkludiet li l-imputat odjern kellu jirrispondi ghar-reati kontemplati taht l-Artikolu 225 tal-Kapitlu 9 u l-Artikoli 15 u 18 tal-Kapitlu 65. Il-Magistrat Inkwirenti izda osservat li kellu jittiehed in konsiderzzjoni il-fatt li munch qasmet minn fuq is-*centre strip* u li tali attitudni kellha sservi ta' attenwanti fil-konfronti tas-sewwieq.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa il-konkluzjonijiet djametrikalment opposti milhuqa mill-esperti nominati fl-atti ta' l-inkjesta magisterjali rigwardanti l-incident awtomobilistiku in dizamina jidrilha li ghandha taghti affidament ghall-konkluzjonijiet milhuqa mill-esperti Dr Simon Micallef Stafrace u Joseph Zammit u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Dawn iz-zewg esperti marru fuq il-post ta' l-incident biss ftit tal-hin wara li sehh u bbazaw il-konkluzjonijiet taghhom fuq l-evidenza li kkonservaw dak il-hin wara li semghu ix-xhieda okulari ta' l-incident u spezzjonaw il-hsara fil-vettura misjuqa mill-imputat filwaqt li Mario Buttigieg ghamel analizi tax-xena ta' l-incident diversi xhur wara li sehh l-istess incident, ghalhekk minghajr ma ra u kkonstata xejn fuq il-post. *Inoltre*, it-testijiet li huwa ghamel saru b'vettura li ma kienitx dik misjuqa mill-imputat u kienet wahda differenti. Huwa ma rax id-daqqa u t-tip ta' hsara li kellha il-vettura misjuqa mill-imputat u lanqas ma ra fejn kienet Munch qabel qasmet u fejn spiccat.

Il-Qorti *inoltre*, jidrilha li d-dubju ssollevat minn dawn il-konkluzjonijiet djametrikalment opposti ghandu jimmerita favur l-imputat u mhux *vice versa.*

*Inoltre* l-Qorti jidrilha li ghandha tiehu affidabilita’ lix-xhieda ta’ Joseph Caruana li kien xhud okulari ta’ l-incident u huwa xhud indipendenti, li xehed bl-aktar mod limpidu u skjett li Munch qabdet u qasmet quddiem il-vettura misjuqa mill-imputat u dan minghajr ma harset fid-direzzjoni li minnha kien gejn l-imputat.

Il-Qorti jidrilha wkoll li l-hsara fil-vettura ta’ l-imputat (ara ritratti mehuda mis-*scene of crime officer* Theo Vella a *folio* 100 ta’ l-inkjesta magisterjali) tikkorobora il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat Brian Spiteri. Il-hsara fil-fatt qeghda fit-traf ta’ quddiem tan-naha tal-lemin, u cioe’ fil-kantuniera u mhux fic-centru u din hija indikazzjoni cara li Munch letteralment qabdet u qasmet ghal gol-kareggjata li kien qed isuq fiha l-imputat kif *del resto* ikkonferma l-istess imputat u kif ikkonfermaw ix-xhieda okulari Fiona u Joseph Caruana.

Illi ssir referenza ghal sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tas-26 ta’ Gunju, 1954 (Volum XXXVIII.IV. pagna 859) fil-kawza fl-ismijiet “Pulizija vs *Dockyard Police* 347 Carmel Mifsud” fejn gie stabbilit li l-unika kaz fejn sewwieq jista’ jigi ezentat mir-responsabbilta’ ghal investiment ta’ *pedestrian* huwa biss meta l-istess *pedestrian* b’xi att inaspettat u subetaneju jew b’xi ghemil tieghu ikun qieghed lis-sewwieq f’pozizzjoni li anke bl-uzu tad-diligenza mehtiega ma jkunx jista’ jevita l-investiment. Il-Qorti jidrilha li c-cirkostanzi fil-kaz odjern jinkwadraw ruhhom f’dan il-principju fis-sens illi mhux talli l-*pedestrian* ghazlet taqsam minn punt daqshekk perikoluz tat-triq, izda hija qbdet u qasmet minghajr ma l-ewwel harset fid-direzzjoni li minnha kienu gejjin il-vetturi u ghamlet dan minn wara persuna ohra (Rennie Ziemmermenn) li kien wieqaf hdejha fuq is-*centre strip* u kien qed jghatti l-vizwali lill-vetturi gejjin mid-direzzjoni li minnha kien gej l-imputat fis-sens li l-imputat zgur ma setghax jara lil Munch u jinduna li ser taqsam b’Ziemmermenn wieqaf hdejha. Franziska Munch bl-att inaspettat taghha krejat *sudden*

*emergency* lill-imputat li tpogga f'pozizzjoni li ma seta' jaghmel xejn sabiex jevita l-impatt. F'dan l-incident ma jistax jinghad li kien hemm biss kontributorjeta' da parti tal-*pedestrian* ghaliex mill-provi rrizulta li l-imputat kien qed isuq b'mod regolari u entro l-limiti ta' velocita' konsentiti fil-lokalita' in kwistjoni u ghalhekk il-mod spregudikat u inkonsult li bih Munch qasmet it-triq kien il-kawza unika u ewlenija ta' l-incident.

Ghaldaqstant, il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------